**ARB/C012/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 21st December, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Gabriella Vella LL.D.) which was confirmed by decree dated 27th March, 2023 given by the same Court – (Magistrate Dr Elaine Mercieca LL.D.). Compilation Number 8136/2022, in the case:

The Police
(Inspector Alfredo Mangion)

Versus

**SHERIDAN LEE GRECH**, 24 years, son of Charmaine Grech, born in Fgura, Malta on the 6th January, 1999, without a fixed address in Malta and holder of Maltese Identity Card bearing number 58199M.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **SHERIDAN LEE GRECH** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

**The Court AUTHORIZED** the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro (€13,976.00) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the Court order as mentioned in Article 22A and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 28th March, 2023

**Mr Anton Sevasta**
Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C012/2023 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Diċembru, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Gabriella Vella LL.D.) illi ġie ikkonfermat permezz ta' digriet datat 27 ta' Marzu, 2023 mogħti mill-istess Qorti – (Maġistrat Dr Elaine Mercieca LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 8136/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Alfredo Mangion)

Kontra

**SHERIDAN LEE GRECH**, ta' 24 sena, iben Charmaine Grech, imwieled Il-Fgura, Malta fis-6 ta' Jannar, 1999, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 58199M.

**ORDNAT** iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **SHERIDAN LEE GRECH** u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Qorti AWTORIŻŻAT** lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro (€13,976.00) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 28 ta' Marzu, 2023

**Is-Sur Anton Sevasta**
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi